*AMMISSJONI*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 4 ta' Dicembru, 2001**

**Kawza Numru: 26**
**Citazzjoni Numru: 1565/01/RCP**

**British Import Company Limited**

**vs**

**Nicholsons The Supermarkets Ltd**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbatax-il elf disa' mija u tmienja u disghin Lira

Maltija u tmienja u hamsin centezmu (LM14,989.58) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta konvenuta fuq talba taghha stess, kif jidher mill-i*statement* tas-socjeta' attrici, hawn anness bhala Dok "A".

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellata, anke ufficcjalment, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi fil-fehma tas-socjeta attrici is-socjeta konvenuta m'ghandiex eccezzjoni valida x'taghti kontra din l-azzjoni;

IIli ghall-finijiet tal-artikolu mija, sebgha u sittin (167) *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili qieghed jigi hawn anness Affidavit tar-raprezentant legali tas-socjeta attrici u mmarkat bhala Dok. "B";

L-istess socjeta` attrici talbet li r-rapprezentant legali tas-socjeta konvenuta jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

(2) Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma minnha dovuta ta' erbatax-il elf disa' mija u tmienja u disghin Lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu

(LM14,989.58) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta konvenuta fuq talba taghha stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta’ sekwestru u qbid li qed jigu ntavolati kontestwalment u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta Ii hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta tat-13 ta’ Novembru 2001 (fol 14 tal-process) li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta **tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedota fic-citazzjoni b’dan illi:

(2) Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma minnha dovuta ta’ erbatax-il elf disa’ mija u tmienja u disghin Lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (LM14,989.58) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta konvenuta fuq talba taghha stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta’ sekwestru u qbid li qed jigu ntavolati kontestwalment u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**4 ta’ Dicembru, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**4 ta’ Dicembru, 2001**